TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/284/11/S

Nazzareno Attard
Vs
Lino Attard

Illum 16 ta'Marzu,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Nazzareno Attard datata 15 ta'Gunju,2011;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni tal-partijiet maghmula fis-16 ta'Frar,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda arlogg tat-tip "Polaris Wall Clock" li ttiehed mir-rikorrent ghand l-intimat biex jissewwa u cioe biex jinbidillu l-habel tad-daqq filwaqt li l-intimat ikkontenda li billi induna li l-arlogg kellu molla miksura, bidilha ghax kieku ma ghamilx hekk, il-habel tad-daqq kien jerga' jinqata';

Illi t-Tribunal ihoss li l-intimat kellu jinforma lir-rikorrent b' li sab meta fetah l-arlogg, partikolarment meta sab molla miksura li ma kinitx taqa' taht l-istruzzjonijiet moghtija mill-istess rikorrent;

Illi s-sustanza tax-xhieda tal-intimat fejn spjega x'ghamel, kellu jigi spjegat lir-rikorrent b'dan li anki jinghata idea ta' kemm l-ispejjez se jkunu;

Illi fil-fatt l-istess intimat jikkonferma fix-xhieda tieghu li ma sar ebda diskors fuq prezz mar-rikorrent;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba tar-rikorrent Nazzareno Attard u Jichad l-eccezzjonijiet ta' Lino Attard b'dan li Nazzareno Attard ghandu jhallas lil Lino Attard is-somma ta' €72.20 inkluz il-VAT, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888